Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2387

10.9.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2387

tad-9 ta' Settembru 2024

dwar l-istandards armonizzati għall-prodotti fertilizzanti tal-UE abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), it-testijiet għall-verifika tal-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-UE mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi I, II u III ta' dak ir-Regolament għandhom jitwettqu b'mod affidabbli u riproduċibbli. Testijiet li huma konformi mal-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma preżunti li huma affidabbli u riproduċibbli sakemm it-testijiet ikunu koperti minn dawk l-istandards.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 612 ([3]), il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) biex jabbozza standards armonizzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2019/1009.

(3) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020)612, is-CEN abbozza żewġ standards armonizzati: EN 17816:2023 "*Materjali tal-ġir - Determinazzjoni tal-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi u kontaminanti speċifiċi*" u EN 17817:2023 "*Fertilizzanti, materjali tal-ġir u inibituri. Determinazzjoni tal-kwantità (iddikjarata skont il-massa jew il-volum)*".

(4) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN, ivvalutat jekk iż-żewġ standards abbozzati mis-CEN jikkonformawx mat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 612.

(5) L-istandards jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1009. Għalhekk, jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2019/1009 mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 612 tal-10 ta' Frar 2020 dwar talba tal-istandardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti tal-UE b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2019/1009 elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN 17816:2023 materjali tal-ġir — Determinazzjoni tal-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi u kontaminanti speċifiċi
2.	EN 17817:2023 Fertilizzanti, materjali tal-ġir u inibituri. Determinazzjoni tal-kwantità (iddikjarata skont il-massa jew il-volum).